

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1995

tas-6 ta' Novembru 2017

dwar iż-żamma f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea tar-referenza tal-istandard armonizzat EN 13341:2005 + A1:2011 dwar tankijiet statiċi termoplastiċi għall-ħażna 'l fuq mill-art ta' żjut tat-tisħin domestiċi, pitrolju u fjuwils tad-diżil f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 18(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011, l-istandards armonizzati previsti fl-Artikolu 17 għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-sistema armonizzata stabbiliti f'dan ir-Regolament jew permezz tiegħu.
- (2) F'Jannar 2011, il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) adotta l-istandard armonizzat EN 13341:2005 + A1: 2011 "Tankijiet statiċi termoplastiċi għall-ħażna 'l fuq mill-art ta' żjut tat-tisħin domestiċi pitrolju u fjuwils tad-diżil — Tankijiet b'polimerizzazzjoni anjonika tal-polietelin ipplażmat bl-infiħ, polietelin ipplażmat b'rotazzjoni u poliamid 6 — Rekwiżiti u metodi ta' ttestjar". Ir-referenza tal-istandard ġiet ippubblikata sussegwentement f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾. Ir-referenza tal-istandard ġiet ippubblikata diversi drabi, u l-aħħar darba li sar dan kien fl-2017 ⁽³⁾.
- (3) Fil-21 ta' Awwissu 2015, il-Ġermanja nediet proċedura ta' oġġezzjoni formali fir-rigward tal-istandard armonizzat EN 13341:2005 + A1:2011. L-oġġezzjoni formali kienet ibbażata fuq in-nuqqas ta' metodi armonizzati f'dak l-istandard biex jiġu żgurati r-reżistenza mekkanika, il-kapaċità tat-tagħbija, l-istabbiltà u r-reżistenza għall-frammentazzjoni jew għat-tgħaffiġ tal-prodott ikkonċernat, meta dan jiġi installat f'żoni suxxettibbli għat-terremoti jew għall-għargħar. B'konsegwenza, il-Ġermanja talbet li titneħħa r-referenza tal-istandard minn *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* billi jiġu esklużi ż-żoni suxxettibbli għat-terremoti jew għall-għargħar mill-kamp tal-applikazzjoni tiegħu, inkella billi r-referenza tal-istandard titneħħa kompletament.
- (4) Skont il-Ġermanja, dak l-istandard ma jinkludi l-ebda dispożizzjoni biex tiġi aċċertata l-prestazzjoni tal-prodotti għall-bini kkonċernati meta jiġu installati f'żoni fejn hemm riskju ta' terremoti jew għargħar. Il-metodi ta' valutazzjoni meħtieġa għal dawk il-finijiet ma jinsabu mkien kull fejn huma kkonċernati d-disinn, il-bini tal-pedamenti jew l-ankrar tat-tankijiet. Barra minn hekk, lanqas ma jista' jiġi vvalutat il-livell ta' assorbiment tal-impatti li jirriżultaw minn tagħbijiet f'każijiet ta' terremoti jew għargħar.
- (5) Il-Ġermanja kkunsidrat li dawn in-nuqqasijiet jikkostitwixxu ksur tal-Artikolu 17(3) tar-Regolament (UE) Nru 305/2011, minħabba li l-istandard inkwistjoni ma ssodisfax għalkollox ir-rekwiżiti stabbiliti fil-mandat rilevanti kif previst fl-Artikolu 18 ta' dak ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠUL 88, 4.4.2011, p. 5.

⁽²⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-prodotti għall-bini (ĠU C 246, 24.8.2011, p. 1).

⁽³⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi kundizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE (ĠU C 267, 11.8.2017, p. 16).

- (6) Waqt il-valutazzjoni tal-ammissibbiltà tal-pretensjonijiet li tressqu, jenħtieġ jiġi nnutat li l-ħtiġijiet addizzjonali allegati mill-Ġermanja jirrigwardaw l-installazzjoni u l-użu sussegwenti tal-prodotti kkonċernati, f'żoni fejn hemm riskju ta' terremoti jew għargħar.
- (7) Madankollu, skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament (UE) Nru 305/2011, l-istandards armonizzati għandhom jipprovdu l-metodi u l-kriterji għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-prodotti koperti minnhom. L-għan tas-sistema armonizzata, stabbilita fir-Regolament inkella permezz tiegħu, huwa li tistabilixxi kundizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-bini, u mhux li ttiprovdi regoli għall-installazzjoni jew l-użu tagħhom.
- (8) Id-drittijiet biex jitressqu oġġezzjonijiet formali skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 ma jistgħux, madankollu, jiġu estiżi għal pretensjonijiet li jiffokaw fuq kwistjonijiet oħra għajr il-kontenut tal-istandards inkwistjoni. Pretensjonijiet bħal dawn għalhekk għandhom jitqiesu bħala inammissibbli fil-kuntest ta' oġġezzjonijiet formali.
- (9) Għaldaqstant, u peress li l-ewwel talba tal-Ġermanja, li tiġi limitata r-referenza tal-istandard billi jiġu esklużi żoni suxxettibbli għat-terremoti jew l-għargħar mill-kamp tal-applikazzjoni tiegħu, tiffoka fuq kwistjonijiet oħra għajr il-kontenut tal-istandard inkwistjoni, din jenħtieġ li titqies bħala inammissibbli.
- (10) It-talba alternattiva ġenerali tal-Ġermanja, li r-referenza tal-istandard tiġi rtirata kompletament, hija bbażata l-aktar fuq l-inadegwatezza tal-istandard kif inhu bħalissa, partikolarment fir-rigward tal-installazzjoni u l-użu sussegwenti tal-prodotti inkwistjoni f'żoni suxxettibbli għat-terremoti jew l-għargħar.
- (11) Madankollu, l-Istati Membri jibqgħu kompletament intitolati jirregolaw il-kundizzjonijiet speċifiċi għall-installazzjoni jew l-użu tal-prodotti tal-bini, jekk dawn il-kundizzjonijiet ma jinvolvux rekwiżiti għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-prodotti bi ksor tas-sistema armonizzata. L-Istati Membri b'hekk huma kapaċi jipprojbixxu jew jillimitaw l-installazzjoni jew l-użu tal-prodotti inkwistjoni f'żoni suxxettibbli għat-terremoti jew l-għargħar, kif inhu l-każ bħalissa fil-Ġermanja.
- (12) Abbażi tal-kontenut ta' EN 13341:2005 + A1:2011 kif ukoll tal-informazzjoni ppreżentata mill-Ġermanja, mis-CEN u mill-industrija, u wara li ġew ikkonsultati l-kumitati stabbiliti bl-Artikolu 64 tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 u bl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, jeżisti qbil ġenerali li r-referenza għal dak l-istandard jenħtieġ li tinżamm f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
- (13) Għaldaqstant jenħtieġ li n-natura allegatament inkompleta ta' dak l-istandard ma tkunx meqjusa bħala raġuni biżżejjed sabiex titneħħa kompletament ir-referenza tal-istandard EN 13341:2005 + A1:2011 minn Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
- (14) Għalhekk, jenħtieġ li r-referenza tal-istandard EN 13341:2005 + A1:2011 tinżamm f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-referenza tal-istandard armonizzat EN 13341:2005 + A1:2011 "Tankijiet statiċi termoplastiċi għall-ħażna 'l fuq mill-art ta' żjut tat-tisħin domestiċi pitrolju u fjuwils tad-diżil — Tankijiet b'polimerizzazzjoni anjonika tal-polietelin ipplażmat bl-infiħ, polietelin ipplażmat b'rotazzjoni u poliamid 6: Rekwiżiti u metodi ta' ttestjar" għandha tinżamm f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Novembru 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER
